# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 21 ta' Mejju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 215/2023 CL

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) flimkien mal-agenta taghha Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) flimkien mal-assigurata taghhom Josephine Gauci**

**VS**

**Infrastructure Malta**

**U**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

Ra t-talba li gietipprezentat fis-16 ta' Gunju 2023 fejn wara li l-vettura Toyota Aygo numru DCE082 propjeta ta' Josephine Gauci, l-assikurata tar-rikorrenti, soffriet danni konsegwenza ta' incident li sehh fl-20 ta' Lulju 2020 fi Triq is-Sur, Fgura, liema incident gie ikkawzat minhabba nuqqasijiet tal-intimati jew min minnhom, kif sejjer jigi ipprovat waqt il-kawza. Ghaldaqstant kienu qeghdin jitolbu l-hlas ta' elfejn disa' mija u tnejn u erbghin euro (€2,942) lill-atturi u precizamant lill-attrici Thomas Smith Insurance Agency Ltd u l-imghaxijiet relativi mill-20 ta' Mejju 2021, id-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 1128/2021.

Ra r-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta,li fl-ewwel lok hija ma tahti xejn ghall-incident in kwistjoni. Is-sewwieq tal-vettura assigurata mill-atturi jahti esklussivament ghall-incident in kwantu acceda ghal triq li kien jaf li kienet zona ta' kostruzzjoni u ghalhekk huwa volontarjament assuma r-riskji u l-perikli kollha meta wettaq tali access. Dan apparti l-fatt li ma zammx *a proper look out* u ma

hax il-prekawzjonijiet necessarji nonostante r-riskji evidenti fiz-zona. F'kull kaz il-pretensjoni attrici hija infondata fil-fatt u kif ukoll fil-ligi.

Ra r-risposta ta' Infrastructure Malta tal-10 ta' Awwissu 2023, fejn eccepiet illi ma setghetx tigi ikkunsidrata bhala il-legittima kuntradittur stante li l-allegati danni gew ikkawzati mill-haddiema tal-kuntrattur. Saret referenza ghar-Regolament 36, tal-Ligi Sussidjarja 499.57 u ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza s-socjeta Kosta Joint Venture, ta' Polidano Brothers Ltd. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-attur jrid jipprova li s-somma minnhom pretiza hija dovuta u jgib l-ahjar prova tas-somma pretiza u l-fatti allegati. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u skond l-Avviz 167 fil-Gazetta tal-Gvern tas-sena 2020, l-agenzija esponenti ssospendiet it-traffiku u parkegg fi Triq is-Sur, Fgura ghall-perjodu bejn is-7 ta' Frar 2020 sal-31 ta' Dicembru 2020 minhabba xogholijet infrastrutturali fit-triq. L-Ufficjali tal-Agenzija qatt ma taw permess sabiex isir access ghat-triq in dezamina u l-misuri u s-senjalatika tat-triq kienu kollha formanti parti mill-pjan tal-health and safety kif ukoll gew indirizzati minn naha tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. Fuq is-sit in dezamina kien hemm prezenti ufficjali tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta sabiex jirregolaw it-traffiku fiz-zona. Ghaldaqstant f'kaz illi dawn ippermettew l-access ghat-triq in dezamina ghandhom jkunu huma li jwiegbu ghal tali nuqqas.

Fl-4 ta' Dicembru 2023 xehdet PS2014 Jeanelle Masiwawa Mokombo li ipprezenta zewg dokumenti Dok JMM1 li huwa current incident report u JMM2 li huwa CCTV footage tal-incident. Xehed Kevin Borg Degiorgio li l-vettura DCE062 kienet assikurata taht policy comprehensive u s-sinjura ghamlet claim tal-hsarat u huma halsuha s-somma ta' €2600. Kien qieghed jipprezenta discharge receipt, flimkien mas-survey report u kopja tal-Log book li gew immarkati Dok KBD1.

Xehed John Callus li hu Freelance Surveyor u li kien ra l-vettura bin-numru DCE 062, Toyota Aygo li kellha hsarat taht,fl-airbags u xi mechanical parts. Hu ipprezenta Dok JC1 li hija s-survey report u l-ammont tad-danni kienu ta' €2,600 u l-konvenuta zzomm il-vettura ghax kienet *beyond economical repair*.

Xehdet Mariah Spiteri li hi kienet qieghda ssuq il-Toyota Aygo fis-27 ta' Lulju 2020, ghalkemm il-karozza kienet ta' Josephine Gauci li hija ommha.Hi dahlet tixtri mit-triq fejn kien hemm Chain Supermarket u kien hemm persuna tat-Transport Malta u qalilha li setghet tipparkja

ghax fil-fatt kienu ghadejjin il-karozzi, ghalkemm kienu qeghdin jahdmu fit-triq. Ipparkjat parallel mal-bankina tac-Chains u meta harget saqet il-quddiem. Wara li xtrat kien hemm tappiera li ma setghetx tarha u ma kellha ebda sinjal jew barrier fuqha u gara l-incident.Ma kienx hemm barriers fit-triq. X'hin habtet beda jdoqq il-horn u hargu l-airbags. Il-karozza kienet assikurata ma' Gasan Mamo u tawha l-flus u irrangatha. Ikkonfermat l-ircevuta foll.30 li kienet thalset €2,600 u iffirmatha hi stess.Fil-kontroezami ikkonfermat illi l-persuna tat-Transport Malta kien qieghed jidderigi t-traffiku f'dik it-triq. Meta harget mic-Chains ix-xogholijiet ma kienux ghadhom ghaddejjin fit-triq u r-rapprezentant tat-Trasport Malta kien ghadu hemm.

Fis-17 ta' Gunju 2024 Infrastructure Malta ipprezentat nota b'erba' dokumenti Dok A rapport tas-27 ta' Frar 2020, Dok B kopja tal-Gazetta tal-Gvern datat 11 ta' Frar 2020, Dok C traffic management plans tal-lokazzjoni u Dok D Road Permit System. Fis-7 ta' Ottubru 2024 xehdet Erika Grech li b'referenza ghal-Gazetta tal-Gvern tal-11 ta' Frar 2020, specifikament foll. 69 u 70 tohrog avviz li jinfurmaw il-pubbliku fejn ser jsiru xogholijiet, li tfisser li ser jkun hemm xi restrictions kemm ghal-access ghall-karozzi u kemm ghal parkegg. Ssir bhala prior notice u wara huma jmorru ghand Trasport Malta ghal Traffic Management Plan u road work permits li jimmarkawlhom kif ghandha ssir u johorgu enforcement officers taghhom. Ir-responsabilita' ta' min johrog is-sinjali u diversion hija tal-kuntrattur. Il-field officers u l-periti ta' Infrastructure Malta jkunu on sight. Fil-fatt spjegat illi d-daily report li gie ipprezentat juri li kienu ghadejjin dakinhar biex jitfghu l-asfalt.

Rat in-nota ta' Sottomisjonijiet tal-atturi, in-nota ta' Sottomisjonijet ta'Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u n-nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Agenzija ghal-Infrastructure Malta.

Wara li semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti, u rat in-noti ta' sottomissjonijiet fl-ewwel lok tinnota li l-vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni DCE062 u mhux DCE 082 kif gie indikat fit-talba u fit-tieni lok id-data tal-incident indikatata fit-talba tirreferi ghal 20 ta' Lulju 2020 meta l-incident sehh fis-27 ta' Lulju 2020, izda stante ma saret ebda oggezzjoni ghal dawn l-izbalji mill-konvenuti it-Tribunal ser jistrieh fuq in-numru u d-data skond il-provi.

Din il-kawza hija dwar hsarat li gew ikkaguniti fil-vettura tal-assikuratrici tas-socjetajiet attrici waqt illi kienu ghadejjin bix-

xogholijiet fit-triq. L-Infrastructure Malta ghamlet referenza ghal avviz fil-Gazetta tal-Gvern li tinforma l-pubbliku li ser jsiru x-xogholijiet fil-perjodu indikat li f'dan il-kaz kien minn Frar sa Dicembru 2020 izda it-triq ma tkunx maghluqa ghat-traffiku fil-perjodu kollha. Dil-fatt fid-data tal-incident li kien 27 ta' Lulju 2020 jirrizulta mix-xhieda, kif ukoll mill-CD li t-triq kienet miftuha ghal pubbliku u kien hemm ufficjal tat-Trasport Malta jidderigi t-traffiku. Di piu wara li sehh l-incident l-ufficjal tat-Transport Malta jidher fic-CD jghati t-tappiera bil-barrier, haga li m'hemmx dubju li kieku saret qabel ma kienx jsehh dan l-incident. Fl-atti ma instab ebda kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 1128/2021, ghaldaqstant it-talba sabiex l l-imghaxijiet jibdew jiddekoru mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ma tistax tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Infrastructure Malta u jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitament fil-konfront ta-Transport Malta. Tiddikjara lil-istess Transport Malta responsabbli ghad-danni sofferti u jikkundana lil-istess thallas is-somma ta ta' elfejn disa' mija u tnejn u erbghin euro (€2,942) lir-rikorrenti  bl-imghax mid-data tas-sentenza sal hlas shih. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithalsu mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**